# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **688/2025 (AD)**

Fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 644/2025 (AD)

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 959/2025 fl-ismijiet:**

**BORIS CUTAJAR (KI 604496M) U
ELTON CUTAJAR (KI 311296M)**

**vs**

**UNIQUE CONSTRUCTION LIMITED
ABDEL KARIM AHMAD (KI 28000I) U
JESMOND DELIA (KI 276067M)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Jesmond Delia (minn issa 'l quddiem *"is-sekwestrat Delia"*) magħmula permezz ta' rikors ippreżentat nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2025 (minn issa 'l quddiem *"ir-rikors odjern"*), ai termini tal-artikoli 836(1)(f), 836(8)(b) u (d), u 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Preliminari**

2. B'digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar id-dsatax (19) ta' Ġunju 2025, intlaqgħet talba tas-sekwestranti għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kawtela ta' kreditu pretiż fis-somma ta' €150,000, rappreżentanti prezz ta' provvista ta' servizzi ta' pompa tal-konkos u crane u ta' blajjet tal-konkos fuq inkarigu tas-sekwestrati;

3. B'rikors preżentat nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2025, is-sekwestrat Delia talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif mitlub mis-sekwestranti, u dan a tenur tal-Artikoli 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Inoltre, talab ukoll illi s-sekwestranti jiġu kundannati jħallsu penali ta' mhux inqas minn €1,164.69 u mhux iżjed minn €6,988.12 ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li, a tenur ta' dak provdut fl-Artikolu 836(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti jiġu kundannati jħallsu d-danni mġarrba mis-sekwestrat Delia, jew subordinatamanet, ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġu ordnati jagħtu garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali li tista' tiġi mposta u għall-ħlas tad-danni u tal-imgħax;

4. Permezz ta' risposta datata tmintax (18) ta' Lulju 2025, is-sekwestranti opponew għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem.

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrat Delia**

5. Is-sekwestrat Delia qed jibbaża t-talba tiegħu fuq l-argument illi l-provvista ta' servizzi ta' pompa tal-konkos u crane u ta' blajjet tal-konkos saret mis-sekwestranti lis-soċjeta' Unique Construction Limited, kif jixhdu l-fatturi maħruġa mis-sekwestranti. Huwa jissottometti illi huwa kien impejgat mas-soċjeta' Unique Construction Limited sas-17 ta' Mejju 2020, u wara din id-data ġie impjegat ma' kumpanija assoċjata tal-Unique Construction Limited, l-isem MC Management & Building Services Limited, b'dana

għalhekk illi huwa la kellu u anqas għandu relazzjoni ġuridika mas-sekwestranti, bil-konsegwenza illi l-azzjoni promossa għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontrih mhijiex legalment ġustifikabbli u sostenibbli. Għaldaqstant, is-sekwestrat Delia qed isostni illi jirriżulta *prima facie* illi s-sekwestranti qed jirrikonoxxu u jagħrfu huma stess li s-servizz li għalih qed jitolbu l-ħlas sar unikament fuq inkarigu tas-soċjeta' Unique Construction Limited, tant illi skont il-fatturi u *statements of account* maħruġa minnhom, is-sekwestranti ppretendew il-ħlas mingħandha. Minn hawn isegwi illi t-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju la għandha u lanqas tista' leġittimament u ġustifikabilment tolqot lis-sekwestrat Delia.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Sekwestranti**

6. Mill-banda l-oħra, is-sekwestranti laqgħu għat-talbiet tas-sekwestrat Delia billi qalu illi t-talbiet tas-sekwestrat Delia għandhom jiġu miċħuda, u dan għas-segwenti raġunijiet:

    a. Illi r-rikors odjern huwa bbażat fuq konsiderazzjonijiet illi jaffettwaw il-mertu ta' din il-kawża, u jmorru lil hinn mill-*prima facie*;

    b. Illi infatti l-fatturi kienu joħorġu f'isem Unique Construction Limited fuq struzzjonijiet ta' Jesmond Delia illi kien iċempel u jagħti struzzjonijiet sabiex jiġu provduti s-servizzi ta' pompa tal-konkos u blajjet tal-konkos fuq siti ta' kostruzzjoni, u meta s-sekwestrati kellmu lil Abdel Karim Ahmad, dan wieġeb illi s-soċjeta' ma kinitx ser tħallas u li l-ħlas kellu jsir minn min ċempel jitlob għall-provvista tas-servizz. Madanakollu, dan għandu jirriżulta mill-provi waqt il-kawża, u jkun prematur illi jiġi deċiż issa fuq bażi *prima facie*;

    c. Illi filwaqt illi s-sekwestrati Ahmad u Delia qed isostnu issa illi r-relazzjoni ġuridika hija biss ma' Unique Construction Ltd, din il-kumpanija mhix funzjonanti, u addirittura qatt ma ġew sottomessi

*audited accounts*. Jekk is-sekwestrati aġixxew għan-nom ta' soċjeta' illi ma kinitx konformi mal-obbligi tagħha, hemm aġir frawdolenti da parti tas-sekwestrati jew min minnhom.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

8. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2025 illi fih iddikjarat illi kienet sejra tgħaddi sabiex tipprovdi kameralment dwar ir-rikors wara illi tkun ħadet konjizzjoni tar-risposta tas-sekwestranti;

9. Konsegwentement tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

10. Fl-ewwel lok jingħad illi, hekk kif ġie senjalat fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Alexandra Sammut vs Ian Sammut et***[1]:

> *Fi procedura ta` din ix-xorta, il-qrati taghna b`mod konsistenti hadu l-linja illi l-qorti li tkun trid taghti provvediment ghandha toqghod lura milli tidhol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet ghaliex dik hija materja li tkun ghad tigi trattata quddiemha u tkun trid tigi deciza minnha fil-waqt opportun wara li jkunu nstemghu l-provi kollha. Ghalhekk m`ghandha taghmel ebda konsiderazzjoni li tixref jew li tolqot il-mertu izda ghandha tillimita ruhha ghal ezami sommarju jew prima facie tal-argumenti li ggib il-parti li tkun qeghda titlob ir-revoka in toto jew in parte tal-Mandat (ara : 15/07/2018 :* ***<u>Conrad Borg vs De</u>***

[1] Fl-atti tal-kawża nru 623/2017 wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 911/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J Zammit McKeon, 30 ta' Novembru 2020

*__La Rue Currency Print Limited et__ ; 10/05/2001 : __Joseph Camilleri et vs Anthony Gove et__ ; 05/06/2003 : __Emanuel Sammut vs Josephine Sammut__ ; u 27/06/2002 - __Tanya Chetcuti pro et noe vs Hugo Chetcuti__)*

*Il-qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji ewlenin:*

*a) illi d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m`ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b`leggerezza;*

*b) illi huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn qorti.*

*(ara : 29/11/2001 - __Mercieca vs Galea__ ; 05/06/2007 __Technobroadcast s.r.l vs Mediterranean Broadcasting Limited__")*

11. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

12. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

13. Taħt l-Artikolu 836(1)(f) jeħtieġ illi tissussisti <u>bidla fiċ-ċirkostanzi</u> illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[2]:

[2] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ A Felice.

*Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* ***Spiteri vs Darmanin*** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*

> *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*

*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-*

*liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[3]

14. Din il-Qorti tinnota illi, fl-ewwel lok, is-sekwestrat Delia ma ġab l-ebda prova illi kien hemm xi bidla fir-ċirkostanzi li seħħet wara d-data tal-ħruġ tal-mandat in kwestjoni illi tirrendi l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli. Fuq din il-bażi biss, din il-Qorti ġia ma ssibx illi tissussisti r-raġuni għal revoka kontemplata mill-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

15. Inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-Qorti rat illi jidher mill-fatturi u *statements* annessi mar-rikors odjern stess illi ħafna minnhom inħarġu qabel Mejju 2020, u cioe fil-perjodu illi fih is-sekwestrat Delia kien, *ex admissis*, impjegat mas-soċjeta' sekwestrata. Din il-Qorti żgur illi ma

[3] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

tistax tistrieħ fuq sempliċi sottomissjoni fir-rikors odjern sabiex tiddeċiedi illi s-sekwestrat Delia m'għandux relazzjoni ġuridika mas-sekwestranti, gialadarba: (a) huwa evidenti illi huwa għamel perjodu impjegat mas-soċjeta' sekwestrata illi huwa stess qiegħed isostni illi kienet il-persuna illi talbet il-provvista tas-servizzi illi għalihom qed jiġi pretiż ħlas, u (b) anke għall-perjodu illi fih kien impjegat mas-soċjeta' MV Management and Building Services Limited, illi hija kumpanija assoċjata tas-soċjeta' sekwestrata, huwa kellu pożizzjoni ta' *foreman*, b'dana illi jidher illi seta' kellu awtorita' illi jitlob il-provvista tas-servizzi illi għalihom qed jintalab ħlas. Din il-Qorti ma rat l-ebda prova tar-relazzjoni illi s-soċjeta' MV Management and Building Services Limited għandha mas-soċjeta' sekwestrata, u lanqas prova illi s-sekwestrat Delia talab il-provvista tas-servizzi għan-nom ta' jew fuq inkarigu ta' xi kumpanija. **Lanqas hija din il-Qorti f'dan l-istadju f'pożizzjoni illi tiddetermina u/jew tikkompara dak sottomess mis-sekwestrat Delia mal-pożizzjoni tas-soċjeta' sekwestrata**, stante illi jidher illi lanqas biss għadha ġiet intavolata risposta għar-rikors ġuramentat fil-kawża proprja;

16. Huwa evidenti illi s-soċjeta' sekwestranti kienet timpjega diversi persuni oħra fil-waqtiet illi fihom intalbet il-provvista ta' servizzi illi għalihom qed jiġi pretiż ħlas, b'dana illi din il-Qorti ma temminx illi s-sekwestrat Delia intgħażel minn fost dawn l-impjegati mis-sekwestranti sabiex fil-konfront tiegħu tiġi intavolata l-kawża u l-mandat kawtelatorju in eżami kapriċċ jew mingħajr raġuni. Naturalment, din il-Qorti tippretendi illi tali provi jinġabu fil-kawża fil-mertu, **illi ġiet appuntata iżda għadha lanqas biss bdiet tinstema'**. Żgur, iżda, illi din il-Qorti ma tistax, fuq sempliċi sottomissjoni tas-sekwestrat Delia, tippreġudika d-dritt tas-sekwestranti illi jħarsu l-interessi tagħhom sakemm il-jedd illi qed jiġi kontestat mis-sekwestrati jiġi mill-inqas delineat, jekk mhux finalment definit, fil-kawża proprja. Dan aktar u aktar meta lanqas kien hemm xi dikjarazzjoni, sa dan l-istadju, da parti tas-soċjeta' sekwestrata illi s-servizzi provvisti mis-sekwestranti ġew mitluba mis-sekwestrat Delia għan-nom tagħha, jew xi dikjarazzjoni oħra illi tista' twassal lil din il-Qorti, fuq bażi *prima facie*, tikkonkludi illi s-

sekwestrat Delia ma jistax jingħad illi kellu x'jaqsam mas-servizzi illi tagħhom is-sekwestranti qed jitolbu ħlas;

17. Din il-Qorti għalhekk ma ssibx illi tissussisti r-raġuni għal revoka kontemplata mill-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12**

18. Fil-każ odjern, is-sekwestrat Delia qed jitlob l-imposizzjoni ta' penali ai termini tal-Artikolu 836(8)(b) u (d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe:

- *"(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:"* jew

- *"(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja"*;

19. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut***[4]:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa*

[4] Mandat Nru 1408/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 2 ta' Lulju 2020

*si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXVI.I.405**). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

20. In oltre, fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited*** suċitat, il-Qorti kompliet telabora dwar il-penali kif isegwi:

*Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*

21. Il-Qorti tqis illi s-sekwestranti għandhom *prima facie* pretensjoni, illi ma ġietx imxejna mis-sekwestrat Delia. Is-sekwestranti għandhom kull dritt illi jużaw l-armi illi tipprovdilhom il-liġi sabiex jikkawtelaw il-pretensjoni tagħhom sakemm tiġi deċiża kawża dwar il-mertu, u l-Qorti hija tal-fehma illi l-mandat odjern kien l-unika mezz illi permezz tiegħu setgħu jaċċertaw irwieħhom illi l-pretensjonijiet tagħhom huma sigurament kawtelati. Ikun prematur għal din il-Qorti illi timponi penali fi stadju fejn għadha lanqas biss ġiet intavolata risposta għar-rikors ġuramentat fil-kawża proprja, u għadha ma semgħetx provi fil-mertu;

22. Għaldaqstant, il-Qorti **<u>tiċħad it-tieni talba tas-sekwestrat Delia</u>**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12**

23. Is-sekwestrat Delia qiegħed jitlob ukoll l-imposizzjoni ta' garanzija xieraq fuq is-sekwestranti ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12. Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi din it-talba s-sekwestrat iniżżilha fir-rikors tiegħu mingħajr ma anqas biss jagħmel referenza għaliha fil-korp tar-rikors tiegħu, bħallikieku hija talba illi huwa jagħmel *in passing*. Il-Qorti kienet mill-inqas tippretendi illi s-sekwestrat Delia jindirizza din it-talba fil-korp tar-rikors, biex jagħti lil din il-Qorti idea dwar ir-raġuni illi għaliha qiegħed iressaq din it-talba, u, mill-inqas, indikazzjoni tad-danni inġenti illi qed isostni illi se jsofri bl-aġir tas-sekwestranti; iżda s-sekwestrat Delia naqas milli jagħmel dan. Dan nonostante, din il-Qorti sejra tindirizza din it-talba xorta waħda, u tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-istess;

24. Fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi vs Jebmed Srl*** suċitat, din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat:

> *[I]l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-*

*artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*

*Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni;*

*Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;*

25. Ġie ritenut ukoll, fuq l-istess linji, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Portem Brew and Leisure Ventures Ltd vs DAAA Haus Ltd***[5]:

*Illi l-fatt li nħareġ mandat kawtelatorju kontra l-eżekutata mhux biżżejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt waħdu mhux il-kawża ġusta li trid il-Liġi. Li kieku kien hekk, il-Liġi kienet tgħid li kull min inħareġ mandat kontra tiegħu għandu jingħata garanzija, iżda l-liġi trid ukoll, barra l-ħruġ tal-mandat, li jkun hemm kawża ġusta. Mhux biżżejjed li eventwalment jista' jirriżulta li l-eżekutant ma jiħux raġun fil-*

[5] Rikors nru 848/2018 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1306/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Grazio Mercieca, 4 t'Ottubru 2018

*mertu. Irid ikun hemm abbuż mill-proċedura ġudizzjarja, li jitqies biss f'każijiet eċċezzjonali li x'aktarx jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet għaliha jew mal-frugħa tal-pretensjoni nfisha. "Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista qatt iwassal għar-responsabbilta' għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi."*

26. Il-Qorti, wara li qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, tikkonkludi illi s-sekwestrat Delia ma rnexxilux iġib prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna illi titħallas garanzija;

27. Għaldaqstant, il-Qorti qegħda **tiċħad ukoll it-talba għall-imposizzjoni ta' garanzija ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12**.

**Decide**

28. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talbiet tas-sekwestrat Delia.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri riservati għall-ġudizzju finali.

**Digriet kamerali mogħti llum, it-Tlieta, disgħa u għoxrin (29) ta' Lulju 2025.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**